# IL-MEWĠ

—Zi, fehemni kif il-baħar filli jkun donnu żejt, u filli jaqbad jitmewweġ u jirgħa.

—L-ajru u l-ilma dejjem jitħarrku, ftit jew wisq dejjem sejrin, dwar id-dinja kollha, bnazzi u maltemp. Mita l-ajru jitħarrek qawwi, jagħmel ir-riħ, u l-baħar malajr iħoss u jaqbad imewweġ. Jekk tonfoħ fuq tazza mimlija bl-ilma, tara minnufih wiċċ l-ilma, li kien wati, jitkemmex u jitriegħed, jogħla u jitħaffer donnu bħal jagħli. Malli terħi l-infiħ, l-ilma joqgħod. Hekk jiġri fil-baħar mita ir-riħ jonfoħ. Il-baħar jitriegħed fil-wiċċ u jitmewweġ, u dan it-timwiġ, billi mhux ġej mill-qiegħ, f'daqqa jiġi u f'daqqa joqgħod.

Fejn jaħbat ir-riħ, il-baħar iqum u l-mewġ li joħloq jibqa' sejjer dawwara mejt. Jekk ir-riħ ikun qawwi, il-mewġ jitbiegħed bosta. Il-mewġ jista' jkun baxx, kemm kemm jinħass bħal mita narawh għal filgħaxija b'żiffa ħelwa tas-sajf, u jista' jogħla f'ħalel li jkexkxu. Ta' dawn il-ħalel kbar ta' baħar qatt ma rajna sura, għad li, f'xi grigalata qawwija, il-baħar hawnhekk jogħla ġmielu. L-akbar mewġiet jiltaqgħu magħhom in-naħa ta' l-Afrika t'Isfel, mita ir-riħ jonfoħ mill-Majjistral. Dawn il-ħalel ta' baħar jaslu mogħla l-Palazz tal-Gvernatur, xi 40 pied. Lejn il-poli ma jkun hemm qatt mewġ hekk oħxon, għax is-silġ li jgħum f'wiċċ l-ilma ma jħallihx jitħarrek wisq, il-baħar.

Issa l-mewġ jitħarrek, iżda ma jimxix bħal ħaġa li tmur minn banda għall-oħra jew bħal werqa li ttir mar-riħ. Oqgħod ħares lejn il-baħar mita jkun ftit qawwi u r-riħ ikun raqad; ara tilmaħx xi biċċa għuda 'l barra jew xi gawwija mibruka fil-wiċċ. Il-għuda jew il-gawwija togħla mal-mewġa u tarġa' tinżel mita l-baħar jofroħ, u b'dan kollu tibqa' fejn tkun. Li l-mewġa kienet tassew timxi kieku dak li jkun fuqha jimxi magħha. Iżda l-mewġ ma jimxix, għad li jidher għaddej il quddiem.

—Kif, zi, il-mewġ ma jimxix u ma jġib xejn miegħu? Mela wara maltempata kif naraw il-plajja mimlija bl-alka, u bċejjeċ tal-għuda li ġew minn barra? Din, ħej, ma nistax nifhimha, għax dejjem naf li l-baħar qawwi jġib xi ħaġa miegħu.

—Tgħaġġilx tiċħad li tisma'. Mita jkun baħar qawwi, ir-riħ ikun qawwi wkoll u r-riħ kif jimbotta l-mewġ u jġagħlu jirgħa fil-quċċata, hekk ukoll jitfa' u jmexxi kull ma jsib f'wiċċ l-ilma. Mita għedtlek il-mewġa togħla u tibqa' fejn tkun, ridt ingħid, il-mewġ bla riħ; m'hux f'waqt il-maltemp, iżda wara żmien, mita r-riħ jorqod u l-ħalel tal-baħar jibqgħu deħlin bla riħ xejn.

—Bħal dak li ngħidulu strakkatur?

—Sew bħal dak.

Il-mewġa, jiġifieri wiċċ il-baħar togħla 'l fuq fid-dritt u fid-dritt tarġa' tinżel. Dat-tlugħ u nżul iħarrek u jriegħed l-ilma mad-dawra, li jogħla u jinżel bħal l-ewwel mewġa u jarġa' għalli kien Dil-mewġa ġdida titla' u tinżel u tinbotta l-ilma ta' ma' ġenbha; u hekk, l-aħħar mewġa li ssir ma ssibx lil min tinbotta u tixteħet fuq l-art.

—Dan f'mewġ il-baħar biss jiġri?

—Le: ara kif ħwejjeġ oħra jagħmlu bħall-mewġ, jitħarrku bla ma jimxu.

Agħmel sarbut boċċi, waħda tmiss ma' l-oħra, u olqot l-ewwel waħda; tara li l-boċċi jibqgħu fejn kienu, u l-aħħar waħda biss titbiegħed minn sħabha. Qatt kont fuq bejt tħares lejn ġemgħa ta' nies fit-trieq jew f'xi xagħra? Malli jsir ftit ta' l-imbuttar tara l-ġemgħa kollha titħarrek u titmewweġ, u b'dan kollu kulħadd jibqa' fejn kien, u mixi ma jsir xejn. Hekk ukoll, jekk taqbad ħabel twil minn tarf, u tferfer idek bil-qawwi, tara l-ħabel jiltewa mewġ mewġ, li donnhom ikunu jiġru wara xulxin; iżda l-ħabel u la jkun twal u lanqas qsar.

(Mit-*Tagħlim fuq id-Dinja* 1901)